MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1225/1985/1

**Benjamin sive Benny Micallef**

**v.**

**Nazzareno Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
“Peress illi fit-2 ta’ Marzu, 1984 l-attur xtara minghand il-konvenut ziemel “trotter” franciz li jismu “Kasbiel” bil-prezz ta’ (Lm4,000) erbat elef lira Maltin li minnhom huwa hallas

elfejn lira Maltin (Lm2,000) dakinhar stess u l-bilanc kellu jithallas fl-10 ta' April, 1984; u

"Peress illi l-bejgh kien kundizzjonat illi z-ziemel kellu jkun b'sahtu u kundizzjoni tajba u mhux bil-benniniet kif jirrizulta car mill-iskrittura tat-2 ta' Marzu 1984 (Dok A) u

"Peress illi fil-fatt irrizulta li meta z-ziemel fuq imsemmi wasal Malta kien bil-benniniet u b'hekk ma setax jintuza ghall-iskop li ghalih inxtara; u

"Peress illi l-konvenut gie infurmat illi l-bejgh ma kienx skond il-ftehim u ghalhekk ma jridx iz-ziemel u talab lill-konvenut biex jiehu z-ziemel lura u jhallas lura l-elfejn lira li thallsu bhala anticipu fit-2 ta' Marzu 1984; u

"Peress illi l-attur kien qed isofri danni billi ried izomm iz-ziemel fil-kundizzjoni li lilu gie ikkunsenjat; u

"Peress illi l-konvenut gie infurmat illi huwa qed jinzamm responsabbli ghad-danni u fl-istess hin interpellat biex jirrifondi lill-attur is-somma mhallsa fit-2 ta' Marzu, 1984 u jiehu z-ziemel lura baqa' inadempjenti;

"L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tirrixxindi l-iskrittura bejn il-partijiet tat-2 ta' Marzu, 1984

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) li thallsu lill-konvenut fit-2 ta' Marzu, 1984.

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li sofra u li qed isofri l-attur.

4. Tillikwida l-istess danni okkorrendo jekk ikun hemm bonn bl-opra ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ April u tat-28 ta’ Mejju 1984 u tac-cedola ta’ depozitu tal-lum stess kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi dina l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti ratione personae.

“2. Illi ghal din il-kawza josta’ l-Appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Nazzareno Cassar versus Benjamin sive Benny Micallef (Citaz 762/84/F) li fil-kontumacja ta’ l-attur odjern, hu gie kundannat ihallas lill-konvenut elfejn lira (Lm2,000) bilanc tal-prezz taz-ziemel mibjugh.

“3. Illi bla pregudizzju ghall-premessi zewg eccezzjonijiet u kull eccezzjoni ulterjuri ghandha tigi michuda peress li l-oggett mibjugh (ziemel trotter) huwa tal-kwalita` patwita cioe` b’sahhtu u jista’ jigri fit-tigrijiet bla xkiel ta’ xejn kif kellu kull opportunita` jara l-attur li ppruvah u kien pjenament sodisfatt bih.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.“

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru, 2004, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“...tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u cioe` li l-oggett mibjugh huwa tal-kwalita` pattwita u jista’ jigri t-tigrijiet bla xkiel ta’ xejn. Ghall-istess motivi tichad it-talbiet attrici.

“Spejjez kontra l-attur”

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Rat illi fil-25 ta’ Novembru 1985 il-Qorti tal-Kummerc innominat lil Dr. Frank Cassar bhala Perit Tekniku, u li fit-2 ta’ Gunju 1986 Dr. Jacqueline Grima giet nominata biex tassisti lill-Perit Tekniku, liema inkarigu gie revokat u b’

digriet tat-2 ta' Ottubru 1991 gie nominat Dr. Anton Farrugia Sacco.

"Illi l-Periti pprezentaw ir-relazzjoni taghhom u halfuha fit-23 ta' Mejju 1995, u fiha kkonkludew illi:

**"Il-Fatti li jirrizultaw:**

**"Il-partijiet dahlu fi ftehim li bih il-konvenut biegh ziemel lill-attur bil-prezz ta' Lm4,000 li minnhom Lm2,000 jithallsu ma' l-iskrittura, u Lm2,000 wara, liema bejgh kien suggett ghal kundizzjoni li z-ziemel ma jiehux benniniet u li jasal Malta qawwi u shih.**

**"Iz-ziemel wasal Malta, u gie konsenjat lill-attur.**

**"L-attur ippruvah, u z-ziemel mexa sew fil-kurvi, izda gie li qaleb u wara rranga fid-dritt.**

**"Il-konvenut offra li jiehu z-ziemel lura minghand l-attur, anzi jaghtih Lm200 qliegh, billi kellu l-bejgh tieghu lil terza persuna. Meta l-attur irrifjuta, offra li jhallas aktar minn Lm200, izda l-attur ma riedx.**

**"L-attur ikkonsenja z-ziemel ghand certu Gorg Schembri, billi ma riedux.**

**"Illi l-attur ma hallasx lill-konvenut, li fetah kawza kontrih (Citazz. Nru 762/84JF).**

**"In segwitu, l-attur fetah il-kawza odjerna.**

**"Aspetti Teknici:**

**"L-ewwel nett l-esponenti ser jidhlu fis-sinifikat tal-kelma 'benniniet'. Dawn huma speci ta' cineg li bir-rabta taghhom jimpedixxu liz-ziemel milli jigri b'mod projbit f'tigrija tat-trott, u b'hekk, ziemel bil-benniniet ma jinkorrix il-perikolu li jigi skwalifikat.**

**"Hawn zwiemel li b'mod naturali, u minghajr il-bzonn ta' dawn ic-cineg, jew ahjar benniniet, jigru skond l-**

**esigenzi ta' tigrija tat-trott. Min jippossjedi ziemel hekk ghandu certu vantagg, billi jiffranka x-xoghol li kull darba jlibbes liz-ziemel dawn il-benniniet, u anke xi spejjes. Inoltre z-ziemel jidher isbah, u jigri b'mod aktar eleganti, haga importantissima fit-tigrijiet.**

**Sa certu punt, jekk ziemel jittrottjax b'mod naturali, u minghajr benniniet, jiddependi mill-istat ta' l-art. Meta din tkun niedja jew bil-haxix, kif normalment tkun l-art tal-korsi fi Franza, li hu l-pajjiz mnejn jigu importati hafna miz-zwiemel li jigru Malta, iz-ziemel generalment aktar ghandu bzonn irbit. (Hafna zwiemel jigu importati minn Franza billi l-korsa, kemm fi Franza u kemm f'Malta, hjia relattivament twila). F' art niexfa bhal ma normalment tkun dik ta' Malta, iz-ziemel ikollu anqas htiega ta' irbit. Ghalhekk, ziemel li fi Franza jigri minghajr benniniet, f' Malta wisq anqas ghandu bzonnhom.**

**"Naturalment, kull ziemel tista' torbotlu l-benniniet, anke fl-ipotesi li m' ghandux bzonnhom. Ghalhekk wiehed ghandu jifhem il-ftehim ta' bejn il-partijiet fis-sens illi z-ziemel kellu jkun kapaci li jigri tigrijiet minghajr il-bzonn li wiehed jaghmillu l-benniniet, u minkejja n-nuqqas ta' dawn, xorta wahda normalment ma jiksirx il-pass b'mod li per konsegwenza jigi skwalifikat.**

**"Qed jigi rilevat ukoll illi hu hafna aktar difficli ghal ziemel izomm il-pass tat-trott fil-kurvi milli fid-dritt, u ghalhekk il-ksur tal-pass u skwalifika rizultanti hi hafna aktar spissa fil-kurvi milli fid-dritt.**

**"Aspetti Legali:**

**"L-artikoli rilevanti tal-Ligi (Kodici Civili) huma s-segwenti:**

**"Artikolu numru 1066**

***'Il-kundizzjoni risolutiva hija dik illi, meta ssehh, tholl l-obbligazzjoni u terga' tqieghed il-hwejjeg fl-istess***

***stat bhal kieku l-obbligazzjoni ma kienet giet qatt maghmula'.***

**"Artikolu numru 1390**

***'Jekk il-haga li l-bejjieh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` imwieghda, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti'.***

**"Dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim ta' bejn il-partijiet, il-perit legali jikkwota mis-sentenza moghtija fil-kawza 'Aquilina vs Formosa' Vol. XLIII-II-736, li tghid illi: "*Huwa risaput illi l-konvenzjonijiet huma attijiet volontarji tal-bnedmin, u jvarjaw skond il-bzonnijiet tal-kontraenti…. Illi l-espressjonijiet uzati fl-obbligazzjoni jew kuntratt iridu jigu interpretati skond il-volonta` ta' min ikun dahal ghalihom u min jinterprethom irid isegwi dik li s-sapjenza rumana ssejjah 'id quod actum est'. Minn dawn il-kliem u interpretazzjoni ta' volonta` tal-kontraenti, fl-isfond ta' dak li verament riedu l-istess kontraenti, jista' jitnissel dik il-proposizzjoni uzata tikkontjenix kundizzjoni…'*"**

**"L-esponenti huma tal-fehma li l-kliem tal-ftehim jfisser li x-xerrej ghamel bhala kundizzjoni tan-negozju li z-ziemel ma jkollu ebda htiega ta' rbit, jew kif jissejhu, benniniet, biex jigri minghajr ma jikser il-pass u jinkorri skwalifiki. L-esponenti jhossu li m' hemmx htiega li jezaminaw jekk kundizzjoni tali hix bzonnjuza jew le fix-xiri ta' ziemel, stante li x-xerrej hu intitolat jindika l-ghazla tieghu meta jixtri.**

**"Il-Qrati taghna dejjem sostnew li x-xerrej huwa intitolat ghall-ghazla tieghu, espressa f'kundizzjoni. Hekk, fil-kawza deciza fil-Qorti tal-Kummerc, fit-28 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet 'Nicholas Borg vs Marco Farrugia ghan-nom ta' Zorin Limited', il-Qorti ghaddiet biex tirrexindi bejgh ta' computer, billi wahda mill-kundizzjonijiet kienet illi l-computer kellu jkun maghmul il-Gappun, mentri l-wiehed mibjugh kien mahdum f'Taiwan. Minn dana wiehed ma jistax hlief**

**jikkonkludi l-bzonn li z-ziemel 'de quo' jkun kompetenti li jtellaq minghajr benniniet, u minghajr ma jikser il-pass tat-trott.**

**"Tibqa' l-kwestjoni jekk l-attur irnexxilux jipprova li z-ziemel kellu l-bzonn tal-benniniet. M'hemmx dubju li z-ziemel, ippruvat ghal darba tnejn, kiser il-pass, tant li l-bejjiegh stess issopona li t-tieni prova, li saret ftit wara l-ewwel wahda, kienet ser tkun ghal xejn, kif effettivament gara, ghax iz-ziemel rega' kiser il-pass. Izda huwa sinifikattiv li z-ziemel zamm il-pass fil-kurvi, fejn hu aktar difficli jzomm il-pass, u kiser fid-dritt. L-opinjoni teknika hi li darba li z-ziemel kien itellaq minghajr benniniet fi Franza, post aktar niedi minn Malta (ara x-xhieda ta' Decelis) u darba li rnexxielu jigri minghajr ma jikser il-pass fil-kurvi, kienet kwistjoni ta' semplici addattament biex ikun jista' jigri Malta minghajr benniniet.**

**"Ma tistax tiddeciedi li ziemel ghandu bzonn il-benniniet billi tohorgu darba, appena gie minn barra, f'ambjent gdid, b' sewwieq gdid, u fuq art differenti, u anqas ser issir id-differenza jekk terga' tohorgu ftit jiem wara. Gerrej ta' esperjenza kien jaghti cans liz-ziemel jaddatta ruhu ghal kundizzjonijiet godda. Ziemel mhux magna u jrid qabel xejn jifhem lil min jiggwidah permezz ta' sinjali.**

**"Konkluzjoni:**

**"L-esponenti huma fil-fehma illi ghalkemm l-attur kien intitolat ghall-ghazla tieghu li jigi konsenjat lilu ziemel li ma jiehux benniniet, fis-sens illi jkun kapaci li jigri minghajr ma jitlibbes il-benniniet, u minghajr ma normalment jikser il-pass tat-trott, hu ma rnexxielux jipprova li z-ziemel 'de quo' ghandu bzonn tal-benniniet, stante li l-ezamijiet maghmula ma kienux sufficjenti ghal prova ta' l-inkapacita` taz-ziemel fis-sens spjegat.**

**"In vista tal-verbal tal-partijiet, fejn talba li l-periti jirrelataw biss fuq it-talba ghar-rexissjoni, l-esponenti**

**m’ghandhomx aktar x’ jesponu ghall-gudizzju superjuri ta’ dina l-Onorabbli Qorti.”**

“Rat id-digriet tas-16 ta’ Ottubru 1995 li permezz tieghu l-Qorti appuntat bhala Periti Addizzjonali lil Raymong Clifton u Carmelo Aquilina bhala Perit Teknici u lil Dr. Marco Grixti bhala Perit Legali. Rat li din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta’ Dicembru 1999 issostitwiet l-inkarigu ta’ Dr. Marco Grixti b’ dak ta’ Dr. Mark Chetcuti.

“Rat li fl-1 ta’ Lulju 2003 il-Periti Addizzjonali halfu r-raport taghhom, u li fih ikkonkludew illi:

**“Il-kwistjoni li l-periti addizzjonali gew indirizzati jezaminaw hu jekk fil-fatt il-kliem fl-iskrittura Dok. A bejn il-partijiet “u mhux bil-benniniet” kenitx kundizzjoni li min-natura taghha hix daqshekk importanti li tifforma parti integrali mill-obbligazzjoni u tinvalida l-effetti tal-ftehim jekk mhix ottemperata jew jekk kenitx biss deskrizzjoni ta’ kif kellu jsuq iz-ziemel li min-natura taghha ma tinvalidax l-effetti tal-kuntratt jekk iz-ziemel jinstab li kien juza l-benniniet. Inoltre l-esponenti gew indirizzati jezaminaw, kemm-il darba l-kundizzjoni kenitx intiza ‘ad validatiem’ ghall-effetti tal-ftehim, jekk fil-fatt iz-ziemel in kwistjoni kienx in effetti juza l-benniniet meta dan inxtara mill-venditur fi Franza.**

**“L-esponenti mhux ser jergghu jirrepetu dak li ntqal u spjegat tajjeb fl-ewwel relazzjoni dwar l-importanza u l-effett tal-uzu tal-benniniet. Il-periti addizzjonali jaqblu ma’ dak li gja ntqal fl-ewwel relazzjoni. Huma jzidu li l-fatt li ziemel juza benniniet mhux xi difett jew mankanza fiz-ziemel izda kultant jiddependi minn ziemel ghal ziemel, it-temperament tieghu, il-mod kif jigri b’ mod naturali u anki mill-gerrej li jkun isuqu u li jkun jippreferi li z-ziemel ilibbislu l-benniniet peress li jhoss li jista’ jigri ahjar u vice-versa. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jirreferux biss ghal benniniet izda anki armar iehor taz-ziemel li certi gerrejja jippreferuhom bihom jew minghajrhom. Hafna drabi l-**

**benniniet jintlibsu ghax fil-girja ziemel ikun jerfa' siequ tahtu wisq u b' hekk jista' jobrox lilu nnifsu bil-giri.**

**"Kif intqal ukoll, it-terran jilghab parti importanti jekk ziemel ghandux bzonn jew le l-uzu tal-benniniet biex jigri ahjar.**

**"L-esponenti jsostnu kwindi li l-uzu o meno tal-benniniet f' dan il-kaz partikolari mhux ta' importanza tali bhala difett fiz-ziemel. Pero` mill-banda 'l ohra hi kwalita` f' ziemel. L-attur ried ziemel li ma jiehux benniniet cioe` li jigri bla xkiel. Din tnizzlet espressament. Kif setghu tnizzlu affarijiet ohra fil-ftehim u ma tnizzlux, din tnizzlet espressament u turi li l-attur ried li z-ziemel ma juzax benniniet ovvjament din il-kundizzjoni trid tittiehed fil-kuntest ta' dak li ntqal dwar l-uzu tal-benniniet.**

**"L-esponenti jissottomettu li l-attur xtaq li z-ziemel Kasbel kien imdorri jsuq bla benniniet fi Franza mnejn inxtara. Il-kundizzjoni trid titqies f' dan id-dawl u l-attur ma jistax jippretendi li l-kundizzjoni trid tiftiehem fis-sens li z-ziemel qatt u fl-ebda pajjiz ma jkollu bzonn l-uzu tal-benniniet. Dan peress li kif gja nghad l-uzu tal-benniniet mhux difett fiz-ziemel u hafna drabi jiddependi mill-gerrej u cirkostanzi ohra bhan-natura tal-art li ziemel jigri fuqha li tiddetermina l-uzu o meno tal-benniniet. Fuq dawn l-ipotesi ma hemmx certezza u ghalhekk il-kundizzjoni trid tiftiehem li taghmel sens bejn il-kontendenti u ma tkunx dipendenti fuq fatturi li l-partijiet ma ghandhomx u ma jistax ikollhom kontroll fuqhom.**

**"L-esponenti jissottomettu li trid issir distinzjoni bejn deskrizzjoni ta' oggett li ssir f' kuntratt u l-kwalita` ta' l-istess oggett, liema kwalita` hi espressament inkluza f' kuntratt. Hu indubbju li n-non uzu ta' benniniet f' dan il-kaz kienet kwalita` espressa fiz-ziemel. Meta zewg partijiet jiftiehmu fuq kundizzjoni specifika cara, din tifforma parti mill-obbligazzjoni jew oggett tal-kuntratt jew ftehim u intiza biex tigi segwita u mhux**

**injorata. Il-partijiet dahlu fi ftehim bilaterali a terminu tal-artikolu 967 tal-Kodici Civili. L-artikolu 1057 jghid "kull kundizzjoni ghandha tigi esegwita", kif il-partijiet aktarx riedu u ftehmu li ghandha tigi segwita. Jekk kundizzjoni specifika tolqot l-oggett innifsu mertu tal-ftehim u dik il-kundizzjoni ma tigix esegwita allura l-kreditur ta' tali obbligazzjoni ghandu dritt jirrixxendi l-ftehim (f' dan il-kaz ta' bejgh) u anki ghad-danni jekk ikun sofra telf minhabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. L-esponenti jissottomettu li din il-kwalita` fiz-ziemel ghalkemm mhix wahda li timpingi fuq l-istat ta' sahha jew forma taz-ziemel per se, pero` timpingi fuq il-kwalitajiet tieghu li sakemm mhux espressi specifikament jista' jkun ma jikkostitwix kundizzjonijiet ad validitatem izda darba li espressi specifikament jikkostitwixxu vinkolu bejn il-partijiet li tali kundizzjoni trid tigi rispettata.**

**"Kwindi l-esponenti jsostnu li l-attur kellu kull dritt jagixxi ghal xoljiment tal-ftehim a terminu tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili fejn ix-xerrej li jigi kunsinnat haga mhux tal-kwalita` imweghda, jista' jaghzel li jirrifjutaha…**

**"Il-periti teknici addizzjonali huma tal-opinjoni li ziemel li mdorri jsuq bil-benniniet ihalli marki fejn dawn jintlibsu peress li dawn ihokku mieghu u meta z-ziemel gie Malta (tragett ta' circa hamest ijiem) dan ma kellu ebda marki. L-attur isostni li meta gera z-ziemel kellu brix fejn beda jolqot b'saqajh taht l-axella. Inoltre jsemmi wkoll li kellu xi blisters. Din l-allegazzjoni hi kontradetta mix-xhud prodott minnu stess cioe` George Schembri li jghid li meta ha konsenja taz-ziemel biex jiehu hsiebu pendenti l-kawza dan kien b'sahhtu, f'sikktu u ma kellu ebda marki.**

**"L-attur jibbaza t-tezi tieghu li z-ziemel kellu bzonn il-benniniet ghaliex fi tlett okkazzjonijiet li z-ziemel inhareg fil-korsa, dejjem qaleb. L-ewwel rapport kif ukoll il-membri teknici addizzjonali jissottomettu li ziemel li ghadu gej minn ambjent differenti, u li hu**

**mdorri fuq terren differenti u misjuq minn persuni differenti, irid jinghata zmien jaggusta ruhu u jidra l--ambjent u l-gerrej kif del resto l-gerrej irid jidra lilu. L-esponenti jissottomettu illi biex tohrog ziemel tlett darbiet fuq korsa, darbtejn minnhom in fila, ma jista' qatt iwassal ghal konkluzjoni affrettata li ziemel jekk jaqleb, bilfors dan hu rizultat tal-fatt li z-ziemel ma kienx qed juza l-benniniet. Il-fatturi jistghu jkunu diversi, bhal terren differenti, stil ta' sewqan differenti u anki armar li f' certu jdejn ma jkunx dak gust ghaz-ziemel tenut kont tal-kambjament ambjentali u fiziku li jissubixxi. Hemm ukoll fattur iehor cioe` li l-gerrej tal-attur Briffa, ma kienx sewwieq ta' xi esperjenza partikolari u qatt ma kien saq ziemel gdid. In-nuqqas ta' esperjenza tieghu tohrog mill-fatt illi mistoqsi jekk ziemel hux effettwat minn bdil ambjentali dan irrisponda li ma fehemx ghalfejn jista' jkun effettwat. Inoltre dan saqu biss darbtejn u kkonkluda minghajr spjegazzjoni ragonevoli li b'daqshekk iz-ziemel ma kienx qed jigri sew, ergo kellu bzonn il-benniniet. Inoltre hu kien inezatt fix-xhieda tieghu meta sostna li z-ziemel kien qed jaqleb tul il-korsa kollha, meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz kif jirrizulta mix-xhieda kollha u li z-ziemel kellu xi griehi meta fil-fatt meta ngib Malta dan ma kellu xejn u meta gie konsenjat lil George Schembri z-ziemel kien f' sikktu.**

**"L-esponenti jissottomettu li f' ghoxrin gurnata mhux konvincenti li wiehed jallega li ziemel li nstaq tlett darbiet biss kellu bzonn l-uzu ta' benninet ghax ma kienx qed jigri sew kif mixtieq…**

**"Ma jistax l-attur jippretendi li bl-esibizzjoni semplici ta' ritratti black and white mehudin minn persuni skonoxxuti minghajr xhieda ulterjuri jikkostitwixxu prova ragonevoli.**

**"Dawn huma l-allegazzjonijiet li ressaq l-attur u li bihom ried jipprova li ziemel li xtara kien juza l-benniniet. L-esponenti jissottomettu illi ma ngiebet ebda prova li turi remotement illi z-ziemel li xtara l-attur kien juza benniniet, prova li kienet tispetta lilu la**

**darba ma kienx hemm xhieda jew provi li juru kuntrarju jew li jikkrejaw suspett ragonevoli f' dak li qal il-konvenut u xhieda ohra prodotti."**

"Semghet bil-gurament in eskussjoni lill-Periti Addizzjonali li ikkonfermaw li l-uzu tal-bennieniet kultant jiddependi minn ziemel ghal ziemel. Qablu wkoll li certu zwiemel ikollhom bzonn il-benniniet u zwiemel ohra ma jkollhomx bzonn. Jiddependi minn kif ikun trained iz-ziemel, il-korsa kif tkun, kif ukoll mill-girja taz-ziemel. Ikkonfermaw li dwar l-uzu tal-benniniet jiddependi mit-temperament taz-ziemel…

"**C KONKLUZJONIJIET:**

"Illi ghalhekk jidher car li meta l-attur ftiehem li jixtri ziemel hu ghamel kundizzjoni espressa li z-ziemel m' ghandux ikollu benniniet u li din ghandha tigi rispettata bhala kundizzjoni vinkolanti. Kundizzjoni risoluttiva jekk issehh tholl l-obbligi u tqieghed kollox fl-istat pristin bhal li kieku l-obbligazzjoni qatt ma saret. Ukoll jekk il-haga pattwita fil-bejgh ma tkunx tal-kwalita` imwieghda x-xerrej ikun jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga jew li jitlob id-danni. Izda l-attur fil-kaz odjern ma rnexxielux jipprova li iz-ziemel in vendita effettivament kellu n-necessita` tal-benniniet. Il-provi li ghamel biz-ziemel l-attur ma kienux sufficjenti biex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li z-ziemel bil-fors kellu juza l-benniniet u dan huwa konfortat kemm bid-decizjoni ta' l-ewwel perit tekniku kif ukoll mir-relazzjoni tal-periti addizzjonali inkluz fl-eskussjoni tal-istess periti. Tali prova ma rnexxielux jaghmilha l-attur..."

Rat l-appell interpost mill-attur li permezz tieghu qed jappella kemm mis-sentenza hawn fuq riprodotta kif ukoll mid-digriet tas-26 ta' Jannar 1993;

Rat ir-risposta tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan hu kaz li jmur lura ghall-1984, meta fuq skrittura li ggib id-data tat-2 ta' Marzu, 1984, l-attur xtara minghand il-konvenut, bil-prezz ta' Lm4000, ziemel "trotter" franciz li jismu "Kasbel". Il-bejgh sar bil-kondizzjoni espressa li z-ziemel kellu jkun mhux bil-benniniet. L-attur allega li z-ziemel moghti lilu kien bil-benniniet u kwindi talab ir-rexissjoni tal-bejgh taz-ziemel.

L-ewwel Qorti, wara li qieset l-opinjoni ta' l-esperti minnha mahtura, cahdet it-talba ta' l-attur peress li fil-fehma taghha, ma kienx irrizulta li z-ziemel kien, fil-fatt, bil-benniniet. Fil-kors tas-smigh tal-provi, u precizament fit-13 ta' Jannar, 1993, l-attur ghamel rikors fejn talab li jkun awtorizzat jesebixxi erba' ritratti taz-ziemel, video-tape taz-ziemel misjuq fi Franza, u n-nomina ta' espert tekniku biex jistabilixxi jekk iz-ziemel indikat fir-ritratti u fil-video huwiex dak li xtara l-attur. B'digriet tas-26 ta' Jannar, 1993, l-ewwel Qorti accettat biss li jigu esebiti l-erba' ritratti.

L-attur appella wkoll minn dan id-digriet peress, li skond hu, gie mcahhad milli jressaq l-ahjar prova. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li dan l-aggravju ta' l-attur, ma hux misthoqq. Waqt seduta mizmuma fl-14 ta' Novembru, 1986, l-attur iddikjara li m'ghandux prova ohra, u beda bil-provi tieghu l-konvenut. Il-konvenut ressaq diversi provi u xhieda sa ma' l-attur ittenta jiftah mill-gdid il-kaz tieghu bi provi godda. Ghamlet sew l-ewwel Qorti li ma ppermettietx lill-attur iressaq provi godda. Attur li jiftah kawza ghandu jipprepara li kaz tieghu fid-dettal kollu taghha, u ghandu jkun ippreparat li jressaq il-provi <u>kollha</u> tieghu sa mill-ewwel seduta tas-smigh tal-kawza. Attur m'ghandux jinvestiga c-cirkostanzi tal-kaz tieghu waqt li jkun ghaddej is-smigh tal-provi, imma ghandu jaghmel ir-ricerka kollha mehtiega sa min qabel ma jiftah il-kawza, sabiex ikun jista' jipprezenta l-kaz tieghu, lest u maghluq, ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti. Di piu`, darba li jiddikjara li ghalaq il-provi tieghu, hu jkun serrah il-kaz tieghu fuq il-provi prodotti sa dakinhar, b'mod li l-konvenut, f'dak il-mument, ikun jaf bil-preciz ghalxhiex irid iwiegeb. Attur

ma jistax, fil-kors tad-difisa li jkun qed iressaq il-konvenut, jitlob li jbiddel il-bazi tal-kaz tieghu billi jressaq provi godda. L-ewwel Qorti ippermettiet l-esebizzjoni ta’ l-erba’ ritratti peress li l-attur kien ittenta jesebihom fil-bidu tal-provi tal-konvenut imma ma ipprezenthomx stante l-opposizzjoni ta’ l-istess konvenut. L-ewwel Qorti, wara li qieset l-opposizzjoni tal-konvenut, accettathom bhala prova, avolja l-attur dam snin sakemm talab l-awtorizazzjoni li jesebixxi dawk ir-ritratti! Fil-kuntest tal-video, pero`, it-talba ghall-produzzjoni tieghu saret fil-bidu tal-1993 meta s-smigh tal-provi, kien kwazi maghluq; fil-fatt, ma jidhirx li saru xi seduti quddiem l-esperti mahtura matul l-1993 u l-1994, sakemm dawn ipprezentaw ir-rapport taghhom fil-5 ta’ Dicembru, 1994.

Fuq kollox, kull Qorti li tkun qed tisma’ kawza ghandha diskrezzjoni wiesgha dwar kif tirregola l-gbir u s-smigh tal-provi, u din il-Qorti m’ghandhiex tiddisturba l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni sakemm ma jirrizultawx cirkustanzi gravi u serji li jwassluha tintervjeni fl-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni. F’dan il-kaz, ma jirrizultawx tali cirkustanzi u din il-Qorti, wara li anke hi ghamlet ezami tac-cirkostanzi kif zvolgew f’dan il-kaz, ma tarax li dan l-ilment ta’ l-attur ghandu jigi milqugh.

Ghar-rigward ta’ l-appell fil-meritu, l-ilment ta’ l-attur huwa dirett lejn l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Issa, huwa maghruf li bhala regola Qorti ta’ l-Appell m’ghandix tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha u tal-portata taghhom jekk mhux ghal ragunijiet gravi (ara fost ohrajn, **Rausi Insurance Agency Ltd v. Galea**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Frar, 2007). Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u ghamlet l-apprezzament taghha, xorta wahda ma tistax tasal ghal konkluzjoni divergenti minn dik maghmula mill-Qorti ta’ prim istanza. Kif inghad aktar qabel, l-ewwel Qorti hatret esperti fil-materja biex jghinuha, u fuq talba ta’ l-attur, anke hatret esperti addizzjonali, izda kollha qablu li ma kienx jirrizulta li z-ziemel in kwistjoni kien jehtieg il-benniniet. Intqal li meta ziemel juza l-benniniet, ikollu marki fejn dawn jintlibsu peress li dawn ihokku mieghu,

izda meta z-ziemel gie Malta dan ma kellu ebda marki. L-attur jghid li fit-tlett okkazzjonijiet li z-ziemel insaq Malta, dan dejjem qaleb. L-esperti teknici qablu li meta ziemel jingieb f'ambjent differenti, jinsaq fuq terren differenti u minn persuni differenti, hu mistenni li z-ziemel ma jigrix kif inhu imdorri; tali ziemel irid zmien biex jidra lil gerrej u l-ambjent il-gdid, u kwindi ma jistax jinghad li z-ziemel ikollu bzonn benniniet semplicement ghax qaleb fi provi li saru ftit wara li ngieb Malta. Il-fatt li z-ziemel, waqt il-provi, zamm il-pass fil-kurvi fejn hu aktar difficli jzomm il-pass, u kiser fid-dritt kompla jindika lill-esperti li l-problema li kellu z-ziemel kienet biss wahda temporanja ta' addatament u mhux li kellu xi haga kontra l-ftehim. Lilll-ewwel Qorti rrizultalha wkoll li s-sewwieq ta' l-attur, certu Briffa, ma kienx gerrej ta' esperjenza u qatt ma kien saq ziemel gdid fis-suq Malti. It-teknici qablu li tlett tigrijiet ta' prova fuq perjodu ta' ghoxrin gurnata, mhux bizzejjed biex jigi ndikat li z-ziemel kien imdorri fl-uzu tal-benniniet. Stante n-natura teknika tal-materja, l-ewwel Qorti ghamlet sew li strahet fuq l-opinjoni ta' l-esperti, u la darba ma ngabux provi li jinnewtralizzaw dawn l-opinjonijiet teknici, anke ghal din il-Qorti, dawn il-veduti espress ghandhom importanza kbira, jekk mhux vitali ghall-kaz ta' l-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' l-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------